**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 4 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 23**

**Avviz Nru: 206/02AE**

**The Golden Shepherd Group Ltd**

**Vs**

**Mohammed Sweidan**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150), bilanc ta' prezz ta' servizz mhux mediku relatat mal-ibbalzmar tal-gisem tal-mara tieghu Cathleen Anne Shannon.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta t-talba ghall-hlas.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda titlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm150), bilanc ta’ prezz relatat mal-ibbalzmar ta’ gisem mart il-konvenut, li mietet fid-19 ta’ Frar 2000.

2. Mill-provi rrizulta li:

(a) Mart il-konvenut iddahhlet fl-Isptar St. Philip fid-19 ta’ Frar 2000. Ftit sighat wara, mietet;

(b) Il-gisem ta’ Cathleen Anne Shannon ghamel perjodu ta’ erbat ijiem f’kamra li tinsab gewwa l-Isptar, sakemm il-gisem taghha gie bbalzmat u ntbaghat l-Amerika fejn kellha ssir id-difna;

(c) Is-socjeta attrici qeghda titlob is-somma ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm150) ghall-uzu tal-kamra u ghat-tindif

tal-kamra wara li sar l-ibbalzmar minn rapprezentanti tal-kumpannija Swansea Enterprises Ltd;

(d) Il-konvenut ikkontesta l-hlas mitlub. Ir-ragunijiet gew indikati f'ittra li kien baghat bid-data tas-17 ta' Marzu 2000 (Dok. JD1).

3. Mill-provi ma jirrizultax li bejn il-partijiet qatt kien hemm xi ftehim dwar hlas ta' prezz ghall-uzu ta' din il-kamra. Fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2002 ir-rapprezentant tas-socjeta attrici pprezenta skeda (Dok. SPH 01) bil-prezzijiet varji li jintalbu skond is-servizz li jinghata. Is-socjeta attrici ddikjarat li l-pretenzjoni taghha hija bbazata fuq l-item *Body Hold,* bil-prezz ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150). Ghalkemm irrizulta li meta pazjent jiddahhal fl-Isptar, jigi ffirmat ftehim, fil-kaz odjern ma tressqet l-ebda prova ta' dan. Ir-riferenza ghar-rati ta' hlas jissemmew f'dan il-ftehim, liema rati jinghataw (skond ma xehed ir-rapprezentant tas-socjeta attrici) biss fuq talba espressa li trid issir minn min ikun iffirma l-ftehim.

4. Illi fl-ittra tieghu tas-17 ta' Marzu 2000, il-konvenut ilmenta ghas-servizz li nghata matul il-perjodu li l-gisem ta' martu baqa' maghluq f'kamra. Ighid: *"I was utterly shocked and disappointed at the careless attitude and improper manner with which she was handled from the minute she passed away. I've complained several times about these shortcomings and the*

*lack of properly equipped mortuary in a private, first class hospital”*. Fix-xhieda tieghu moghtija quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2002, huwa kkonferma dak kollu li jinghad f’dan id-dokument. Ix-xhud kien konsistenti fil-kors tax-xhieda tieghu u ma jara l-ebda raguni ghalfejn m’ghandux jitwemmen.

5. It-Tribunal huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi jkun gust u ekwu lil-konvenut ihallas is-somma ta’ erbghin lira Maltija (Lm40), liema somma giet iffissata *arbitrio boni viri* wara li gew meqjusa c-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz (fosthom in-nuqqas ta’ ftehim, li l-gisem ta’ mart il-konvenut dam erbat ijiem fil-propjeta tas-socjeta attrici u li kellu jsir ukoll tindif tal-kamra wara l-process ta’ l-ibbalzmar). Is-socjeta attrici ghandha tifhem li ghalkemm mart il-konvenut kienet mejta, dan ma kienx jezoneraha mill-obbligu li tara li l-gisem jitqieghed f’ambjent adattat fejn jibqa’ prezervat bl-ahjar mod sakemm jintbaghat lejn l-Amerika. Fatt li ma jirrizultax f’dan il-kaz partikolari. Inoltre, it-Tribunal m’huwiex sodisfatt mill-ispjegazzjoni moghtija mis-socjeta attrici ta kif waslet biex titlob il-hlas tas-somma ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm150).

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erbghin lira Maltija (Lm40), kif fuq spjegat.

L-ispejjez bejn il-partijiet jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur.**